

European Central Bank Sonnemannstrasse 20, 60314 Frankfurt am Main, Germany Tel.: +49 69 1344 7455 Fax: +49 69 1344 7401 E-mail: info@ecb.europa.eu		
Deutsche Bundesbank Externe Kommunikation Wilhelm-Epstein-Strasse 14 60431 Frankfurt am Main Tel.: +49 69 9566 3512 Fax: +49 69 9566 3077 info@bundesbank.de	Eesti Pank Avalike suhete allosakond Estonia pst 13 15095 Tallinn Tel.: +372 668 0719 Faks: +372 668 0954 info@eestipank.ee	Banc Ceannais na hÉireann / Central Bank of Ireland Currency Planning & Logistics Currency Issue Division Currency Centre PO Box 61 Sandycroft Dublin 16 Phone: +353 1 219 8858 euroseries2@centralbank.ie
Τράπεζα της Ελλάδος Υπηρεσία Τύπου Ελ. Βενιζέλου 21 102 50 Αθήνα Τηλ: +30 210 320 3447 Φαξ: +30 210 320 3922 press@bankofgreece.gr	Banco de España Departamento de Emisión y Caja Alcalá, 48 28014 Madrid Tel.: +34 91 338 5999 Fax: +34 91 338 6887 emisionycaja@bde.es	Banque de France Direction des Activités Fiduciaires Gestion des Contrefaçons et de la Formation 31, rue Croix des Petits Champs 75049 PARIS CEDEX 01 Phone: 33 1 42 92 94 92 Telecopie: 33 1 42 92 45 52 euro-formation@banque-france.fr
Banca d'Italia Tiziana Torres Servizio Cassa generale BANCA D'ITALIA via Nazionale 91 00184 Roma Tel: +39 06 47924878 Fax: +39 06 47923896 eurosecondaserie@bancaditalia.it	Κεντρική Τράπεζα της Κύπρου Γραφείο Τύπου Λεωφόρος Κέφεντυ 80 1076 Λευκωσία Τηλ: +357 22714465, +357 22714503 Φαξ: +357 22378151 pressoffice@centralbank.gov.cy	Latvijas Banka K. Valdemāra iela 2A Rīga, LV-1050, Latvija Tālrunis: +371 67022300 info@bank.lv
Lietuvos bankas Gedimino pr. 6 LT-01103 Vilnius Tel. +370 5 268 0301 Faks. +370 5 268 0327 info@blt	Banque centrale du Luxembourg Département Caisse et numismatique 2, boulevard Royal L-2983 Luxembourg Tél.: +352 4774 4561 Télécopie: +352 4774 4962 euro2@bcl.lu	Bank Ċentrali ta' Malta / Central Bank of Malta Clive Bartolo Principal Communications Officer Piazza Kastija Valletta VLT 1060 Tel: +356 2550 3104/5 Fax: +356 2550 4950 publicrelations@centralbankmalta.org
De Nederlandsche Bank Westeinde 1 1017 ZN Amsterdam Tel.: +31 (0)800 020 1068 (gratis) info@dnb.nl	Oesterreichische Nationalbank Christian Gutleiderer Pressesprecher Otto-Wagner-Platz 3 1090 Wien Tel: +43 1 404 20 6900 Fax: +43 1 403 17 44 christian.gutleiderer@oebn.at	Banco de Portugal Gabinete de Comunicação Institucional Rua do Comércio, 148 1100-150 Lisboa Tel: +351 213 215 358 Fax: +351 213 464 843 press@bportugal.pt
Banka Slovenije Odnosi z javnostmi Slovenska 35 1505 Ljubljana Slovenija Tel: +386 1 47 19 153, +386 1 47 19 777 Faks: +386 1 47 19 724 pr@bsi.si	Národná banka Slovenska Tlačové a edičné oddelenie Imricha Karvaša 1 813 25 Bratislava Tel: +421 2 5787 2143 Fax: +421 2 5787 1128 info@nbs.sk	Suomen Pankki / Finlands Bank Viestintäyksikkö / Kommunikationsenheten Snellmaninaukio / Snellmansplatsen PL 160 / PB 160 00101 Helsinki / Helsingfors Puhelin / Telefon: +358 10 831 2626 info@bof.fi
Българска народна банка Тел.: (+3592) 91459 Факс: (+3592) 980-24-25 press_office@bnbank.org	Sveriges riksbank Tfn: +46 8 787 00 00 Fax: +46 8 21 05 31 registratom@riksbank.se	Magyar Nemzeti Bank Tel.: (+36 1) 428-2751 Fax: (+36 1) 429-8000 info@mnb.hu
Danmarks Nationalbank Tlf: 33 63 63 63 Fax: 33 63 71 03 nationalbanken@nationalbanken.dk	Česká národní banka tel: +420 224 411 111 fax: +420 224 412 404 podatelna@cnb.cz	Banca Națională a României Telefon: 021 313 04 10 Fax: 021 312 38 31 Info@bnr.ro
Narodowy Bank Polski tel. centrala: +48 22 185 10 00 faks: +48 22 185 10 10 listy@nbp.pl	Hrvatska narodna banka Tel: +385 1 45 64 576 Faks: +385 1 45 90 314 info@hnb.hr	Bank of England Phone +44 (0)20 7601 4878 Fax +44 (0)20 7601 5460 enquiries@bankofengland.co.uk

IS-SENSIELA EUROPA: THEJJIJIIET

Il-magni tiegħek lesti għall-€20 ġdida?

Il-bejjieġha u persuni oħra li jużaw apparat li jipproċessa u jiverifika l-karti tal-flus għandhom jaraw li l-magni tagħhom huma adattati biex jaċċettaw il-karta l-ġdida tal-€20 qabel ma din tidħol fiċ-ċirkolazzjoni f'Novembru 2015.

Biex tiċċekkja jekk l-apparat li għandek jistax jiġi aġġornat biex jaċċetta l-karta l-ġdida, staqsi lill-fornitur tiegħek. Lista tal-apparat li jista' jiġi aġġornat tinsab fil-websajt tal-BĊE:

www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html

Ftakar li tista' tiċċekkja l-awtenticiċità tal-karti kollha tal-euro bil-metodu "Floss, Ħares u Mejjel".



Karti tal-flus dubjużi

Jekk iġhaddu minn idejk kwantitajiet kbar ta' flus kuljum, mhix ħaġa kbira li tiltaqqa' ma' karta tal-flus li tqanqallek dubju. Għalkemm ir-riskju huwa żgħir, inhegħguk taqra t-tagħrif mogħti fil-link ta' hawn taħt u/jew tikkuntattja lill-bank ċentrali ta' pajjiżek.

www.karti-godda-tal-euro.eu/Karti-tal-flus-tal-Euro/KARTI-TAL-FLUS-DUBJUZI

Ftakar li huwa reat kriminali li tipprova tmexxi karta tal-flus li taħseb jew tkun taf li hija falza.

IS-SENSIELA EUROPA

Il-€5 u l-€10 ġodda




INTRODUZZJONI

Għaliex karti tal-flus ġodda?

Huwa importanti ferm li l-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-flus jiġu aġġornati u jittejjbu regolarmet biex il-falsifikazzjoni ssir aktar diffiċli. Il-karta l-ġdida tal-€20 fiha "tieqa bil-wiċċ" innovattiva li tidher miż-żewġ naħat tal-karta meta żżommha kontra d-dawl.

Il-wiċċ li jidher fis-sensjela l-ġdida huwa dak ta' Europa, il-figura tal-mitoloġija Griega li tat isimha lill-kontinent tagħna. Ix-xbieha użata fil-karti tal-flus tas-sensjela Europa ġeġja minn vżun li għandu aktar minn 2,000 sena li nstab fl-Italja u li llum qiegħed għall-wiri fil-Louvre, Pariġi.



 www.nbb.be	 www.bnb.bg	 www.cnb.cz
 www.nationalbanken.dk	 www.bundesbank.de	 www.eestipank.ee
 www.banque-france.fr	 www.bankofgreece.gr	 www.bde.es
 www.bancaditalia.it	 www.banque-france.fr	 www.centralbank.gov.cy
 www.bank.lv	 www.bcl.lu	 www.lb.lt
 www.dnb.nl	 www.mnb.hu	 www.centralbankmalta.org
 www.bportugal.pt	 www.oenb.at	 www.nbp.pl
 www.bsi.si	 www.banque-france.fr	 www.nbs.sk
 www.bankofengland.co.uk	 www.banque-france.fr	 www.bsi.si

BANK ĊENTRALI EWROPEW
 EUROSISTEMA



SKOPRI
IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€20

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu

QB-04-15-252-MT-EN ISBN 978-92-899-1853-4 doi:10.2866/32251 © European Central Bank, 2015

Ejja nqabbluhom

L-€20 TAS-SENSIELA EUROPA

X'HEMM ĠDID



Quddiem



Wara

Il-karti l-ġodda tal-euro għandhom l-istess disinn "żminijiet u stili" u l-istess kuluri predominanti tal-ewwel sensjela, iżda sarilhom tibdil żgħir biex jilqgħu l-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda. Il-karti issa jinkludu wkoll il-pajjiżi li ssejbu fl-Unjoni Ewropea mill-2002 'l hawn. Hekk, il-mappa tal-Ewropa turi lil Malta u lil Ċipru, il-kelma "euro" hija miktuba bl-alfabett Ċirilliku wkoll minbarra bl-alfabett Latin u Grieg, u l-inizjali tal-Bank Ċentrali Ewropew jidhru b'disa' varjanti lingwistiċi, minflok b'ħamsa.

L-€20 TAL-EWWEL SENSIELA



Quddiem




Wara

Faċli tiċċekkja

1 ĦOSS

Kif tinħass il-karta – Ħoss il-karta tal-flus. Tinħass tqarqaċ u soda. **Stampar imqabbeż** – Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u l-valur numeriku l-kbir jinħassu eħxen.

X'hemm ġdid
Hemm sensjela ta' linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin.




2 ĦARES

Watermark – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tidher xbieha mitfija li turi l-valur tal-karta tal-flus u x-xbieha ewlenija.

X'hemm ġdid – Watermark bil-wiċċ
Tidher ukoll xbieha ta' wiċċ Europa.



X'hemm ġdid – Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma
Kontra d-dawl, it-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma ssir trasparenti u turi xbieha ta' wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta.




3 MEJJEL

Ologramma – Mejjel il-karta tal-flus. L-istrixxa lewn il-fidda fuq il-lemin turi l-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-€.

X'hemm ġdid – Numru aħdar żmerald
Dan in-numru jleqq juri effett tad-dawl miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.



X'hemm ġdid – Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma
It-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma turi xbieha ta' wiċċ Europa. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fit-tieqa jidhru wkoll linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku. Fuq wara, fit-tieqa jidhru l-valuri numeriki bl-ilwien tal-qawsalla.



L-€20 ġdida f'dawl UV



Quddiem



Wara

Il-karta nnifisha ma tiqgħelx.

- A** Fuq quddiem jidhru fibri żgħar inkorporati fil-karta. Kull fibra fiha tliet kuluri differenti. L-istilel tal-bandiera tal-UE, iċ-ċrieki ż-żgħar u wħud mill-istilel il-kbar jixgħlu fl-isfar.
- B** Fuq wara, il-kwart ta' ċirku li jinsab fin-nofs jixgħel fl-aħdar. In-numru tas-sensjela orizzontali u strixxa jidhru ħomor.

F'dawl ultravjola speċjali (UV-C)



Quddiem

- C** Fuq quddiem, l-istilel tal-bandiera tal-UE u ċ-ċrieki ż-żgħar jixgħlu fl-isfar. L-istilel il-kbar u partijiet oħra jixgħlu fl-oranġjo jew fl-isfar. Fin-nofs jidher ukoll simbolu kbir tal-€.

Ittri rqaq fuq l-€20 ġdida

Xi partijiet tal-karta tal-flus fihom sensjela ta' ittri rqaq. Dawn l-ittri rqaq jistgħu jinqraw b'lenti. L-ittri huma ċari mhux sfukati.



Quddiem



Quddiem

F'dawl infrared

F'dawl infrared, fuq in-naħa ta' quddiem tal-karta tal-flus jidhru biss in-numru aħdar żmerald, il-parti tal-lemin tax-xbieha ewlenija u l-istrixxa lewn il-fidda. Fuq in-naħa ta' wara, minbarra t-tieqa, jidhru biss il-valur numeriku u n-numru tas-sensjela orizzontali.



Quddiem



Wara